

Fil-qosor

Kif tipproponi rinunzji permezz tal-ePIC

ECHA-16-FS-07-MT

Kif tipproponi rinunzji permezz tal-ePIC

Ir-Regolament ta' Kunsens Informat Minn Qabel (PIC) jippermetti lill-esportaturi jitolbu rinunzji għall-esportazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi jew ta' taħlitiet tal-Parti 2 u tal-Parti 3 tal-Anness I jekk ma jirċievu ebda tweġiba (pożittiva jew negattiva) għat-talbiet tagħhom għal kunsensi espliċiti. Ir-rinunzji jingħataw biss f'ċirkustanzi speċifiċi u ma għandhomx jitqiesu bħala mod kif jiġu evitati l-kunsensi espliċiti.

It-talba għal proposta ta' rinunzja ssir permezz tas-sistema informatika tal-PIC, imsejħa ePIC. Sabiex issir applikabbli, din trid tkun iġġustifikata kif xieraq u maqbula mill-awtorità nazzjonali nominata (DNA) tal-esportatur u mill-Kummissjoni Ewropea.

ŻEWĠ TIPI TA' RINUNZJI

Hemm żewġ tipi ta' rinunzji: rinunzji standard u rinunzji tal-OECD. Il-kundizzjonijiet sabiex tiġi proposta rinunzja jvarjaw skont it-tip ta' rinunzja. Iż-żewġ tipi ta' rinunzja huma speċifiċi għall-esportaturi u soġġetti għal approvazzjoni skont il-każ.



Rinunzja standard

Tista' tipproponi rinunzja standard jekk:

- ippreżentajt in-notifika ta' esportazzjoni tiegħek lid-DNA tiegħek u ġie assenjat numru ta' identifikazzjoni ta' referenza (RIN) lilha;
- in-notifika tiegħek hija għal sustanza kimika jew taħlita elenkata fil-Parti 2 jew 3 tal-Anness I;
- il-pajjiż li fih qed tesporta ma wiġibx fi żmien 60 jum mid-data tal-ewwel talba għal kunsens espliċitu;
- hemm evidenza dokumentarja minn sors uffiċjali li s-sustanza kimika tiegħek hija liċenzjata, irreġistrata jew awtorizzata fil-pajjiż tal-importazzjoni.

Ir-rinunzja standard tibqa' valida għal 12-il xahar.

Rinunzja OECD

Tista' tipproponi rinunzja tal-OECD jekk:

- il-pajjiż tal-importazzjoni huwa pajjiż tal-OECD;
- ippreżentajt in-notifika ta' esportazzjoni tiegħek lid-DNA tiegħek u ġie assenjat numru ta' identifikazzjoni ta' referenza (RIN) lilha;
- in-notifika tiegħek hija għal sustanza kimika/taħlita elenkata fil-Parti 2 tal-Anness I;
- hemm evidenza dokumentarja minn sors uffiċjali li s-sustanza kimika tiegħek hija liċenzjata, irreġistrata jew awtorizzata fil-pajjiż tal-importazzjoni.

Tista' tipproponi rinunzja tal-OECD fi kwalunkwe ħin wara li tippreżenta n-notifika ta' esportazzjoni tiegħek. Dan ifisser li l-perjodu ta' stennija ta' 60 jum ma għandux bżonn jiġi rrispettat.

Ir-rinunzja tal-OECD tibqa' valida għal 12-il xahar.

KIF TIPPROPONI RINUNZJI

Inti għandek tippreżenta proposti għaż-żewġ tipi ta' rinunzji permezz tal-għodda ePIC.

Biex tibda, iftaħ in-notifika ta' esportazzjoni inkwistjoni fl-ePIC. Agħfas fuq il-funzjonalità "*Propose waiver*" ("Ipproponi rinunzja") taħt il-menù drop-down "*Actions*" ("Azzjonijiet") fir-rokna ta' fuq tal-lemin tan-notifika ta' esportazzjoni tiegħek, u l-applikazzjoni ser tagħtik formola ta' proposta ta' rinunzja mimlija bil-lest.

Tista' tippreżenta l-proposta tiegħek biss ladarba tehmeż id-dokument obligatorju ta' ġustifikazzjoni u tagħżel id-dikjarazzjoni(jiet) legali xierqa. Wara li tippreżentaha, id-DNA tiegħek u l-Kummissjoni ser jieħdu deċiżjoni.

DOKUMENTI TA' SOSTENN

Id-dokumenti ta' sostenn li ġejjin għandhom jiġu pprovduti flimkien ma' talba ta' rinunzja:

- traduzzjoni fl-Ingliż jekk l-evidenza dokumentata ma tkunx bl-Ingliż/bil-Franċiż/bl-Ispanjol;
- spjegazzjoni qasira dwar in-natura tad-dokument ippreżentat;
- spjegazzjoni dwar l-iskadenza jekk mhix imsemmija b'mod espliċitu fid-dokument stess;
- spjegazzjoni dwar ir-raġuni għaliex id-dokument għadu validu jekk id-data tal-ħruġ hi >15-il sena.

IMPORTANTI LI TIFTAKAR

- ! Peress li rinunzji standard jistgħu jintalbu biss mhux qabel 60 jum mit-talba inizjali għal kunsens espliċitu, ivverifika mill-"*Event history*" ("Kronoloġija tal-avvenimenti") fl-ePIC meta d-DNA tiegħek oriġinarjament talbet il-kunsens espliċitu.
- ! Għandu għallinqas jiġi mehmuż dokument wieħed li jiġġustifika l-proposta ta' rinunzja.
- ! Ma jistgħux jiġu proposti rinunzji għal notifiki li l-istatus tagħhom huwa "*Draft*" ("Abbozz").
- ! L-utenti jistgħu jsegwu l-istatus tal-proposta ta' rinunzja mill-"*Event history*" ("Kronoloġija tal-avvenimenti").

AKTAR INFORMAZZJONI U APPOĠĠ

L-Artikolu 14(6) u 14(7) tar-Regolament dwar il-PIC, li jispjega r-rinunzji tal-OECD u standard:

<http://www.echa.europa.eu/regulations/prior-informed-consent/legislation>

Manwal tal-Industrija għall-Utent dwar il-PIC elettroniku:

http://www.echa.europa.eu/documents/10162/21731237/epic_usm_industry_mt.pdf

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi,
Novembru 2017
ECHA-16-FS-07-MT
Numru tal-katalogu ED-05-17-095-MT-N
ISBN 978-92-9020-291-2
DOI 10.2823/08205